MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 17/1990/1

George Zammit .

vs

George Borg .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta :

Illi l-attur, fuq inkarigu ta' l-istess konvenut, George Borg, kien esegwixxa xogħol ta' appalt f'blokk ta' flats, proprjeta' tal-istess konvenut, George Borg, liema blokk ta' flats qegħdin f'Qbajjar Road, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex ;

Illi dana l-appalt kien jikkonsisti fl-installazzjoni tas-sistema tad-dawl u ilma fil-flats hawn fuq imsemmija, kif ukoll illi l-attur imsemmija, kif ukoll illi l-attur jissuplixxi

huwa stess il-materjal sabiex ikun jista' jiġi esegwit l-istess xogħol ;

Illi l-attur baqgħalu jieħu bilanċ ta' tmien mija u tmienja u hamsin lira (Lm858) mingħand l-istess konvenut u dana kif jirrizulta mill-invoices, hawn esebiti u markati bhala dokument "A" sa "U" ;

Illi l-konvenut, nonostanti li ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas lill-attur l-bilanċ minnu dovut, dana baqa' inadempjenti .

Talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandiex din il-Qorti :

1. Tikkundannah sabiex iħallas lill-attur il-bilanċ ta' tmien mija u tmienja u ħamsin lira (Lm858), lilu dovut tax-xogħol ta' installazzjoni tas-sistema tad-dawl u ilma, u fornitura ta' materjal sabiex setgħa jiġi esegwit l-istess xogħol, kif fuq intqal .

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Ottubru 1989 u tal-mandat kawtelatorju ta' qbid (Mandat Numru : 84/1990), li qiegħed jiġi ppreżentat kontestwalment ma' dina ċ-ċitazzjoni u bl-inġunzjoni tal-istess konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa imħarrek . Bl-imgħaxijiet ukoll skond il-liġi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur, konfermata bil-ġurament tiegħu .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi :

1. Illi d-domandi attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt għaliex l-eċċipjenti sa fejn jfa hu ma għandu jagħti xejn lill-attur fil-preżent .

2. Illi infatti l-eċċipjenti kien ta' appalt lill-konvenut konsistenti f'istallazzjoni ta' dawl u ilma bi prezz miftiehem minn qabel, bil-kondizzjonijiet miftehma bejn il-partijiet illi x-xogħol illi ġia kien sar minn terzi persuni jrid jitnaqqas mill-prezz miftiehem .

3. Illi minn dan il-prezz, l-eċċipjenti ġia ħallas il-maġġjor tal-prezz miftiehem, u l-bilanċ, jekk għal grazzja tal-argument fadal xi bilanċ x'jitħallas mhux dovut qabel l-attur itemm ix-xogħol kollu minnu intrapriż, u għalhekk anke jekk fadal xi bilanċ din iċ-ċitazzjoni hija intempestiva għaliex l-attur għadu ma wettaqx ix-xogħol illi intrabat illi jagħmel .

4. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, iċ-ċitazzjoni odjerna hija intempestiva stante illi l-attur qatt ma pprezenta l-invoices minnu annessi maċ-ċitazzjoni lill-konvenut qabel il-preżentata tal-istess ċitazzjoni .

5. Illi fi kwalunkwe każ, u dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ammont pretiż mill-attur hu wieħed esaġerat konsiderati r-rati illi bihom kienu qegħdin jinħadmu flats oħra fil-viċinanzi u tal-istess kwalita', iżda ikbar, fl-istess żmien .

6. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut minnu maħlufa .

Rat is-sentenza *in parte* tagħha tal-21 ta' Frar 1992 .
Rat id-digriet tagħha ta' l-istess jum fejn gie nominat George Portelli bħala perit tekniku .

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Marzu 1994 fejn ġie nominat Ganni Borg bħala espert tekniku dwar stallazzjonijiet tas-sistema ta' l-ilma, biex jassisti lill-perit l-ieħor ġia nominat .

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' April 1995 fejn issostitwiet lill-espert tekniku Ganni Borg b'William Cassar Torreggiani .

Rat ir-rapport ta' l-espert tekniku George Portelli pprezentat fis-17 ta' Ottubru 1995 u minnu maħluf fil-15 ta' Dicembru 1998 .

Rat ir-rapport ta' l-espert tekniku William Cassar Torreggiani pprezentat fid-9 ta' Mejju 1997 u maħluf fid-19 ta' April 1999 .

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Frar 2000 fejn, fuq talba tad-difensuri rispettivi tal-kontendenti, billi dawn ħassewhom aggravati bir-rapporti ta' l-ewwel periti, innominat bħala periti addizzzjonali lill-avukat Dottor Giorgina Scicluna Bajada bħala perit legali u lil John Mompalao u Alfred Camillleri bħala esperti tekniċi .

Rat ir-rapport tal-periti addizzjonali pprezentat fis-16 ta' Jannar 2003 u maħluf mill-periti tekniċi fis-27 ta' Novembru 2003 u mill-perit legali fil-24 ta' Frar, 2005 .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat il-verbal tagħha tal-5 ta' Novembru 2004 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza finali .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob li l-konvenut jiġi kkundannat iħallsu s-somma indikata fiċ-ċitazzjoni, rapprezentanti bilanċ minn somma akbar dovuta għal xogħol ta' stallazjoni ta' *luce elettrika* u ilma fid-diversi appartamenti dakinhar proprjeta' tal-konvenut[1] .

Bis-sentenza *in parte* tagħha tal-21 ta' Frar 1992 ġiet deċiża l-kwistjoni, mqajjma fit-tieni eċċezzjoni tal-konvenut, dwar jekk il-kontendenti kienux ftehmu minn qabel xi rati fissi li kellhom jitħallsu għal dan l-appalt. B'dik is-sentenza ġie stabilit li ma kien hemm ebda ftehim f'dan

[1] A fol. 90 - 97 tal-process .

is-sens u allura "**l-ħlas għandu jsir a bazi tar-rati korrenti dakinhar li ġie esegwit ix-xogħol, tenut kont tax-xogħol effettivament esegwit mill-attur u l-ispejjeż kollha minnu inkorsi**." [2]

In segwitu għal din is-sentenza ġew nominati l-ewwel iż-żewg esperti tekniċi hawn fuq indikati, sabiex jistabilixxu l-prezz ta' dan l-appalt . Fir-rapporti separati tagħhom dawn ikkonkludew illi għall-istallazzjoni tad-dawl l-attur kien ħaqqu : Lm1246.10 [3] u għal dik ta' l-ilma : Lm228[4] ; total ta' : LmLm1474.10.
Iż-żewg naħat ma qablux ma' dawn il-konkluzjonijiet peritali u għalhekk talbu l-ħatra ta' periti addizzjonali . L-ilmenti prinċipali ta' l-attur kienu jirrigwardaw ix-xogħol ta' l-ilma u l-*mains* tad-dawl tal-*common parts* u l-prezzijiet tal-*points* . Dawk tal-konvenut, apparti li inutilment baqa' jsostni illi l-ewwel periti kienu għamlu valutazzjonijiet għola minn dawk miftehma, ġialadarba il-Qorti kienet ġia ddeċidiet li ma kien hemm l-ebda ftehim f'dan ir-rigward, ilmenta wkoll li kien ġie nkluż xogħol li kien sar minn terzi .

Il-periti addizzjonali, wara li reġgħu semgħu lill-kontendenti u anke żammew aċċessi fuq il-post, varjaw xi ftit il-konklużjonijiet ta' l-ewwel periti billi stabilew illi l-attur kien ħaqqu : Lm1628.50 għax-xogħol tiegħu[5]. Iż-żewg naħat reġgħu ma kienux kuntenti b'dawn ir-riżultanzi, kif jidher minn noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tagħhom . F'dawn in-noti l-kontendenti reġgħu ppruvaw iqajjmu ħwejjeġ li kellhom jittieħdu in konsiderazzjoni mill-periti tekniċi, u jekk ma għamlux hekk meta kellhom kull okkażjoni quddiem l-istess periti, ma jistgħux issa jerġgħu jifthu l-istadju tal-provi, billi jsemmu ħwejjeġ li din il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tikkontrolla . Terġa' ħafna mill-ilmenti msemmija f'dawn in-noti huma ta' natura teknika li mhix kompetenza ta' din il-Qorti li tiddeċidi dwarhom . Kien appuntu għal din ir-raġuni li ġew nominati dawn l-esperti tekniċi kollha, u żgur li l-Qorti mhix ser tiddisturba l-konkluzjonijiet tal-periti addizzjonali f'dan ir-rigward, tenut

[2] a fol. 97 .
[3] a fol. 141 - 149 .
[4] a fol.175 – 179 .
[5] a fol. 230 – 231 .

kont illi dawn kellhom l-opportunita' jeżaminaw sew ir-rapporti dettaljati ta' l-ewwel periti u anke jisimgħu il-kritika tal-kontendenti ta' l-istess rapporti, qabel ma mbagħad waslu għall-konkluzjonijiet tagħhom .

Irriżulta nkontestat illi l-konvenut kien ġia ħallas is-somma ta' elf u mitejn lira maltija (Lm1200) għal dawn ix-xogħlijiet[6] u allura, ġialadarba il-periti addizzjonali kkonkludew illi għal dan l-appalt, l-attur kien ħaqqu Lm1628.50, jiġi li l-konvenut baqgħalu Lm428.50 xi jħallas lill-attur .

Rigward l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u fid-dawl ta' dawn il-konkluzjonijiet, irid jingħad illi :

permezz ta' l-ewwel eċċezzjoni tiegħu il-konvenut jikkontendi li ma baqgħalu jagħti xejn lill-attur; madankollu rriżulta li dan mhux minnu u għalhekk din l-eċċezzjoni ma tistax tiġi milqugħa ;

it-tieni eċċezzjoni ġiet deċiża bis-sentenza *in parte* hawn fuq indikata kontra l-konvenut ;

it-tielet eċċezzjoni dwar l-intempestivita ta' l-azzjoni lanqas ma tista' tiġi milqugħa, għax ma rriżultax illi l-attur kien baqgħalu jlesti xi xogħol qabel ma ntavola l-kawża prezenti ;

ir-raba eċċezzjoni lanqas ma tista' tiġi milqugħa, għax il-konvenut ma ressaq ebda prova dwar dak minnu allegat ; u

l-ħames eċċezzjoni, pero', għandha tintlaqa' għax irriżulta minnu illi l-ammont pretiż mill-attur kien esaġerat .
Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-ewwel, it-tielet, u r-raba eċċezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talba attriċi, pero' limitatament għall-ammont ta' erba' mija tmienja u għoxrin lira maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm428.50) u tikkundanna lill-konvenut iħallas l-istess

[6] ara cekkijiet relattivi esebiti a fol. 245, 246, 247 tal-process .

somma lill-attur; l-imgħaxijiet mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv .

L-ispejjeż tal-kawża, in vista tal-fatt li lill-attur hu realment dovut nofs biss minn dak minnu pretiż, għandhom jiġu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------